# Ħrafa li ssir verità?



Il-ktieb *The Da Vinci Code* miktub minn Dan Brown u li ħareġ fl-2003 għamel suċċess kbir. Dan ix-xahar stess ħiereġ film.

L-idea fundamentali tal-ktieb kollu hi li fil-famuża pittura ta' l-Aħħar Ċena (impittra minn Leonardo da Vinci u qiegħda fil-Monasteru Santa Maria delle Grazie, f'Milan), il-persuna l-eqreb lejn Ġesù hija Marija Madalena u mhux, kif dejjem żammejna aħna, Ġwanni, id-dixxiplu l-maħbub.

Dan Brown kiteb dan il-ktieb biex speċi jikxef "darba għal dejjem" dak li l-Knisja Kattolika żammet moħbi, għax ma kienx jaqblilha li joħroġ: (1) li Ġesù kien miżżewweġ lill-Madalena u kellu t-tfal minnha; (2) li d-dixxendenti tagħhom għadhom jeżistu sal-lum (3) li Ġesù għażel bħala kap lill-Madalena u mhux lil Pietru; (4) li l-Knisja Kattolika immanipulat l-istorja biex jinqered darba għal dejjem l-element femminili mill-Knisja.

Brown jgħid anki dan kollu kif seħħ billi jibni *thriller* popolari u mexxej. Jirrakkonta dawn l-hekk imsejħa "fatti storiċi" f'nisġa ma' ġlieda għall-poter fil-Knisja tal-lum bejn l-Opus Dei, il-Vatikan u s-soċjetà (il-Prijorat ta' Sijon) li dan is-sigriet hekk kbir u splussiv suppost ikkonservatu b'tant għożża sal-lum.

L-iktar ħaġa insidjuża għar-reliġjon in ġenerali u għall-fidi Kattolika in partikulari li wieħed isib fid-*Da Vinci Code* hija li l-fidi hija xi ħaġa ivvintata u falza, mhemm xejn veru fiha.

Bl-ebda mod ma rrid niddemonizza l-ktieb, li wara kollox joffri qari mexxej u interessanti għal min iħobb dan it-tip ta' qari bħala passatemp.

Ma nistax imma naqbel ma' dawk li jsostnu li fil-ktieb mhemm xejn skandaluż, jew li qed isir ħafna għaġeb għal xejn, għax wara kollox il-ktieb hu klassifikat bħala *fiction*.

Il-ħażen tal-ktieb qiegħed fil-fatt li jħallat ammont kbir ta' fantasija ma' ftit elementi li Brown jippreżentahom bħala fatti li ġraw. Fil-fatt hu jsostni li r-riċerka

tiegħu hija mibnija fuq dokumenti u fatti, imma jibqa' diffiċli ħafna—int u taqra l-ktieb—li tiddistingwi bejn il-fatti, il-fantasija u l-immaġinazzjoni.

Hemm storiċi li waqqgħu dak li Brown jippreżenta bħala "storiku" u hemm ukoll dokumentazzjoni li tgiddeb dak li Brown qed jippreżenta bħala xi trovata ġdida. Biex ma nsemmux ukoll li l-presidenta tal-*Leonardo Da Vinci Society* ta' Londra saħqet li hija assurda l-idea li jeżisti xi kodiċi Da Vinci moħbi f'dik il-pittura famuża.

L-aġenda ta' Dan Brown hija ċara. Irid bħallikieku jbiddel il-perċezzjoni ta' l-istorja, tar-reliġjon u taċ-ċiviltà tal-Punent kollu. Mingħajr ma hu storiku Brown jipprova jikteb mill-ġdid l-istorja ta' l-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu.

Jgħid fost l-oħrajn:
(a) li d-divinità ta' Ġesù kienet stabbilita biss mill-Konċilju ta' Niċea fis-sena 325 permezz ta' Kostantinu;
(b) li qabel dan il-Konċilju ta' Niċea ħadd ma kien jemmen li Ġesù kien Alla, imma kien biss profeta mortali bħal ħaddieħor;
(c) li Kostantinu kellu motivazzjonijiet politiċi biss f'dan kollu u kien biss qed juża l-Knisja biex isaħħaħ il-poter politiku tiegħu.

Xi ħadd li qatt ma qara xejn dwar l-iżvilupp tal-Kristjaneżmu f'dawk l-ewwel sekli jew li qatt ma ġie xejn f'idejh mir-rikkezza ta' kitbiet tas-Santi Padri tal-Knisja ta' dak iż-żmien, hu mill-iktar faċli li jibla dak li kiteb Dan Brown.

Hu l-każ fejn ngħidu kemm *little knowledge is a dangerous thing*. Fejn inti ma tafx u ma tfittixx li tinforma ruħek sew, allura inti tibla bħala verità dak kollu li daqskemm jista' jkun veru daqshekk ieħor jista' ma jkunx.

Dan Brown qiegħed jattakka xi ħaġa mill-iżjed fundamentali, jiġifieri kif il-Knisja tal-bidu waslet għall-konklużjonijiet tagħha dottrinalment. Veru, aħna rridu nammettu li hemmhekk xi ftit fqar. U Dan Brown hu propju dan il-vojt li qiegħed jipprova jimla.

U dan jagħmlu mhux bi ktieb akkademiku (li probabbli Jkun jinteressa lill-ftit) imma bi *thriller* popolari li jilħaq ħafna u ħafna iżjed udjenzi. Bi ktieb bħal ta' Dan Brown f'idejna, illum dan hu l-periklu u din hija waħda mill-kontradizzjonijiet tal-kultura li qed ngħixu fiha: li kull verità li writna kważi saret għalina ħrafa, imbagħad insibuha hekk faċli biex ħrafa nikkalkulawha daqslikieku kienet l-ikbar verità!

